MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 534/2004

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Pierre Albert Madiona, iben Albert Howard, imwieled tas-Sliema fit-23 ta’ Awwissu, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-waqt li kien fir-residenza matrimonjali tiegħu fi Triq il-Palma, Ħal-Tarxien, fit-8 ta’ Mejju, 2004 għal ħabta tat-8.00 p.m., mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ martu Marthese Madiona, minn Ħal-Tarxien, f’perikolu ċar, ikkaġunalha ferita ta’ natura gravi, kif iċċertifika Dr. Lars Aakerov M.D. mill-Casualty Department ta’ l-Isptar San Luqa, liema ferita iġġibilha debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fefjn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi preliminarjament, mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvivenza bejn il-konjuġi Madiona kienet diffiċli. Kien ikun hemm argumenti bejniethom li talvolta kienu jirrizulta fi vjolenza u fit-tkissir ta' oġġetti tad-dar. Dan l-istat ta' fatt irrizulta wara li Marthese Madiona saret taf li żewġha l-imputat setgħa kellu xi tip ta' relazzjoni meta hu kien qed jaħdem Tunes. Dan il-fatt jidher li ma kienx ġie aċċettat minn martu u għalhekk kienu jinqalgħu diskuzzjonijiet ħarxa.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-8 ta' Mejju, 2004 għal ħabta tat-8.00 p.m. il-konjuġi Madiona kienu d-dar meta inqala argument bejniethom. Iż-żewġ partijiet spiċċaw viċin xulxin ħafna u l-imputat kellhu subgħajh ma wiċċ martu. F'ħin minnhom hi warrbet is-seba' tiegħu minn quddiem wiċċha u kien hawnhekk li l-imputat tilef il-kontroll tiegħu u ta xebgħa lil Marthese Madiona, martu, bil-ponn. Skond ix-xhieda ta' l-imputat wara l-ewwel mumenti ntebaħ b'dak li kien qed jagħmel u għajjat liż-żewġ titfal tiegħu.

Illi mill-provi mediċi rrizulta li konsegwenza ta' dan Marthese Madiona ġarrbet il-frattura tad-disa' kustilja tal-lemin, kif ukoll feriti oħra fuq il-persuna tagħha ta' natura ħafifa. Jirrizulta li l-fejqan ma kienx totali u sena wara l-

inċident kienet għada qed tbagħti b'uġieh fil-post tal-frattura.

Illi l-abbli difensur ta' l-imputat qajjem diversi punti fid-difiża tal-assistit tiegħu, fosthom il-provokazzjoni u is-saħna ta' demm. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma dan l-argument. Il-konvivenza diffiċli li kienu għaddejjin minnha l-partijiet kellha tissugerixxi liż-żewġ persuni aġir attent ħafna. Li l-imputat tilifha jammettiha hu stess, kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tiegħu. Mid-dehra ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat refa' idejh fuq martu u dan ma jistax jiġi tollerat.

Illi ftit xhur wara l-inċident il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt li fih jiddisponi wkoll li l-partijiet jirrinunzjaw għal kwalunkwe azzjoni kontra xulxin. Dan il-fatt ser jittieħed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(a)(ii) u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat. Tikkundannah għal piena ta' tlett xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Billi ma tqabbdu ebda periti mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------